MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1702/2000/1

David **GATHERGOOD**

vs

**ANCHOR BAY LEISURES LIMITED** li tiġġestixxi l-kumpless *Popeye Village* u b'degriet tas-7 ta' Novembru, 2001, issejħu fil-kawża t-Tabib Anthony Gatt, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern u t-Tabib Frank Bartolo

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Awissu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka taħti, minħabba negliġenza, traskuraġni, nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti (magħduda dawk li jħarsu s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol) u tortijiet oħrajn imputabbli lilha, għall-korriment u l-ħsara li ma

tgħaddix li huwa ġarrab f'inċident li ġara fl-10 ta' Settembru, 1999, waqt li kien qiegħed jaħdem magħha fit-taqsima tal-manutenzjoni fil-kumpless *Popeye Village*, liema ħsara tikkonsisti kemm f'*damnum emergens* u kif ukoll f'*lucrum cessans*; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnu bi ħtija tal-istess kumpannija mħarrka, jekk meħtieġ billi tqabbad periti biex jaslu għal-likwidazzjoni; u (ċ) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-17 ta' Ottubru, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur, u filwaqt li invokat id-difiża tal-*volenti non fit iniuria*, saħqet li kien l-attur innifsu li ġab b'idejh il-ħsara li ġarrab. Għalhekk lanqas hija marbuta li tħallsu xi kumpens għad-danni li jgħid li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Novembru, 2000[1], li bih ħatret lill-kirurgu ortopediku Frederick Żammit Maempel bħala espert mediku biex jeżamina l-*file* mediku tal-attur fl-Isptar San Luqa u lill-istess attur;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur quddiem il-Qorti diversament presjeduta;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fl-1 ta' Ottubru, 2001[2], u minnu maħluf waqt is-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2001;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Novembru, 2001[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-20 ta' Awissu, 2001, ordnat li jissejħu fil-kawża t-tabib mediku Anthony Gatt, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern u t-tabib mediku Frank Bartolo bħala Suprintendent tal-Isptar San Luqa;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġġ. 169 sa 171 tal-proċess
[3] Paġ. 157 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-17 ta' Diċembru, 2001, mill-imsejjaħ fil-kawża tabib Anthony Gatt, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal, b'mod preliminari, li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża ladarba l-azzjoni attriċi ma fihiex tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u tar-raġuni tat-talba fil-konfront tiegħu għall-finijiet tal-artikoli 156 u 789(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma jaħti bl-ebda mod għad-danni mġarrba mill-attur u t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu fil-konfront tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-26 ta' Diċembru, 2001, mill-imsejħin fil-kawża t-Tabib Ewlieni tal-Gvern u t-tabib Frank Bartolo li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, talbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża għall-finijiet tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi l-fatti msemmija fiċ-Ċitazzjoni bl-ebda mod ma jirreferu għalihom, u billi huma m'humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-attur. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma bl-ebda mod m'għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur għaliex, filwaqt li fil-każ tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern lanqas biss saret ix-xilja tal-*culpa in eligendo*, fil-każ tas-Suprintendent hu ma jkun bl-ebda mod imdaħħal direttament jew indirettament fit-trattament tal-pazjenti fl-Isptar, iżda xogħlu huwa biss dak li jieħu ħsieb it-tmexxija in ġenerali tal-istess Sptar minn jum għal jum;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Marzu, 2001[4], li bih u fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin mill-imsejħin fil-kawża, ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Ġunju, 2002[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-imsejħin fil-kawża u ħelsithom ilkoll mill-osservanza tal-ġudizzju;

---

[4] Paġ. 180 tal-proċess
[5] Paġġ. 189 sa 195 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija mħarrka, fosthom lill-perit mediku mressaq minnha b'xhud in eskussjoni[6];

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2006[7], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-attur, ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda fil-kontro-eżami tal-persuni mressqin mill-kumpannija mħarrka bħala xhud tagħha;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2007, li bih u fuq talba magħmula mill-avukati tal-partijiet, ordnat li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'Noti u tathom żmien biex jagħmlu dan;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-3 ta' Mejju, 2007[8];

Rat li l-kumpannija mħarrka baqgħet ma ressqitx is-sottomissjonijiet tagħha, minkejja li ngħatat żmien biżżejjed biex tagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien jaħdem mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "ABL"). Huwa korra wara li waqa' minn sellum li twieżen ma' *scaffolding* mobbli waqt li kien qed jaħdem fit-*theme park* ta' *Popeye Village* immexxi minn ABL u wara li kien tqabbad minn uffiċjal tal-

[6] Paġġ. 254 sa 261 tal-proċess
[7] Paġ. 292 tal-proċess
[8] Paġġ. 343 – 9 tal-proċess u li għandha tinqara flimkien man-Nota ta' Sottomissjonijiet li huwa kien diġa' ressaq fit-30 ta' Diċembru, 2003, f'paġġ. 212 sa 221 tal-proċess

istess kumpannija biex jitla' jiżbogħ xi statwi li jinsabu ma' faċċata ta' waħda mill-binjiet (ir-ristorant) tal-imsemmi stabiliment. Huwa jgħid li ABL taħti għal dak li ġralu għaliex naqset li tara li jkun qed jaħdem f'ambjent ħieles mill-periklu u li tħares ir-regolementi tas-sigurta'. Billi ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, talab li ABL tagħtih kumpens għad-danni, kemm dwar infieq li kellu jidħol għalih (*damnum emergens*) u kif ukoll għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*), l-aktar għaliex ma kienx f'qagħda li jaħdem aktar minħabba dak l-inċident;

Illi, għal din l-azzjoni ABL laqgħet billi qalet hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur, u filwaqt li invokat id-difiża tal-*volenti non fit iniuria*, saħqet li kien l-attur innifsu li ġab b'idejh il-ħsara li ġarrab. Għalhekk lanqas hija marbuta li tħallsu xi kumpens għad-danni li huwa jgħid li ġarrab. Fid-Dikjarazzjoni maħlufa tagħha qanqlet il-kwestjoni li t-tabib tal-Isptar li kien dewwa lill-attur ma kienx intebah li l-attur kellu ksur f'riġlu u b'hekk l-effett tad-debilita' fl-attur ma kenitx il-waqgħa waqt ix-xogħol, iżda n-nuqqas ta' kura tajba mogħtija f'waqtha li wasslet biex sieq l-attur għaqdet ħażin;

Illi, minħabba f'din iċ-ċirkostanza, l-attur kien talab u kiseb is-sejħa fil-kawża tat-tabib li rah meta ddaħħal fit-taqsima tal-*casualty* fl-Isptar u kif ukoll tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern u tas-Suprintendent tal-istess Sptar. Iżda billi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-14 ta' Ġunju, 2002, l-imsemmija msejħin fil-kawża nħelsu milli jibqgħu aktar fil-kawża, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis aktar l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur twieled fir-Renju Unit f'Jannar tal-1942[9] u huwa miżżewweġ. Wara li kien għamel xi seba' snin jaħdem f'Malta ma' ħaddieħor, l-aktar bħala żebbiegħ[10], daħal jaħdem ma' ABL fi Frar tal-1997[11] taħt kuntratt ta' mpieg għal żmien fiss ta' sena, liema kuntratt kien jiġġedded b'sena kull darba, u taħt kundizzjonijiet oħrajn hemm

[9] Dok "A", f'paġ. 133 tal-proċess
[10] Xhieda tiegħu 11.5.2004, f'paġ. 238 tal-proċess
[11] Dok "C1", f'paġġ. 145 – 6 tal-proċess

imfissra. Huwa tqabbad jaħdem bħala "*game attendant*", iżda ġieli kien jitqabbad jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, bħalma hu l-għoti ta' żebgħa u xogħol ieħor bħalu[12];

Illi għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu tal-10 ta' Settembru, 1999, il-*maintenance manager* tal-istabiliment, wieħed Mario Fenech, qabbad lill-attur biex jiżbogħ sett ta' puleni li kienu mwaħħla mal-faċċata tar-ristorant tal-istess kumpless. L-attur ingħata sellum li jestendi, iżda billi l-ogħla tul tiegħu kien jiġi jistrieħ mat-twieqi ta' r-ristorant, l-attur qallu li ma kienx ser jitla' miegħu u jaħdem bih[13]. Fenech qal lill-attur u lil impjegat ieħor ta' ABL biex iġibu l-armar tat-twavel bir-roti ("*mobile scaffolding*") ħalli l-attur jaħdem fuqu. L-attur jgħid li lil Fenech ġibidlu l-attenzjoni li l-i*scaffolding* ma kellux sistema ta' *brakes* biex iliġġmu r-roti. Fenech irrabja għal dan. Minħabba li l-art ta' quddiem ir-ristorant ma kenitx invell u kienet ixxaqleb xi ftit, Fenech ordna li taħt l-i*scaffolding* jitqiegħdu knaten u njamiet biex l-armar ma jiċċaqlaqx[14];

Illi l-attur rama l-i*scaffolding* u serraħ miegħu sellum qasir. Iżda malli għamel il-pass u beda tiela' s-sellum, l-i*scaffolding* tħarrek għall-ġenb u s-sellum bl-attur b'kollox stabat mal-art. L-attur waqa' mis-sellum u ġie fuq saqajh. Minnufih ħass uġigħ qawwi f'siequ l-leminija u ma setax jiċċaqlaq. Ftit wara li seħħ l-inċident, Mario Fenech resaq lejh u, meta ra x'ġaralu l-attur, mar lejn il-*workshop* u għajjar lil żewġ impjegati talli ħallew lill-attur waħdu. Wieħed minn dawn sħabu mbagħad ħadu fit-taqsima tal-emerġenza tal-Isptar San Luqa dak il-ħin[15]. Wara li dam jistenna xi ħin, itteħidlu *x-ray* u t-tabib li rah infaxxalu siequ u ordnalu jistrieħ għal tlitt ijiem bla ma jċaqlaqha. Sieħbu wasslu d-dar u minn hemm baqa' sejjer lura lejn l-istabiliment biex ikompli l-ġurnata tax-xogħol u għarraf lis-superjuri tiegħu li l-attur ma kienx f'qagħda li jidħol għax-xogħol;

Illi l-attur baqa' muġugħ u siequ nteħħet. Bagħat għat-tabiba kuranti tiegħu u, fuq it-tagħrif li taha dwar dak li

[12] Xhieda tiegħu 24.11.2000, f'paġ. 15 tal-proċess
[13] Affidavit tal-attur 28.12.2000, f'paġ. 31 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Franklin Cutajar 15.1.2001, f'paġ. 61 tal-proċess
[15] Affidavit ta' Ivan Mizzi 28.12.2000, f'paġ. 47 tal-proċess

kienu qalulu fl-Isptar, ordnatlu jibqa' jistrieħ. L-attur ma marx għax-xogħol, għalkemm martu ħaditu xi darbtejn bil-karozza biex jagħti ċ-ċertifikat li ma setax jidħol għax-xogħol u biex jimtlew il-formoli biex isir ir-rapport tal-inċident;

Illi meta għaddew xi tliet (3) ġimgħat mill-inċident u s-sieq baqgħetlu minfuħa, raġa' bagħat għat-tabiba tiegħu u, billi tħassbet dwar dak li rat, irranġatlu biex ikellem konsulent speċjalizzat. Sar appuntament mal-ispeċjalista fi sptar privat xi ħmistax wara u ħadlu r-raġġi ta' siequ[16]. Minn dawn[17], irriżulta li l-attur kien ġarrab ksur fl-għadma tal-għarqub ("*calcaneum*") lemini minn tliet bnadi ("*comminuted fracture*") u li, sa dak inhar, kienet bdiet tagħqad bla ma kienet tqiegħdet fil-ġibs. L-ispeċjalista ħareġ ċertifikat bil-fehma tiegħu dwar saħħet l-attur fuq dak li sablu[18];

Illi, minħabba f'hekk, l-ispeċjalista kien beda jdewwi lill-attur biex b'xi mod, jipprova jtejjeb il-qagħda ta' sieq l-attur. L-attur baqa' muġugħ u ma setax imur għax-xogħol. Baqa' li, minn dak inhar tal-inċident, ma reġax daħal għax-xogħol u, mal-għeluq tas-sena minn dak inhar (jiġifieri f'Settembru tal-2000), ABL temmitlu l-impieg tiegħu magħha[19];

Illi matul iż-żmien li l-attur baqa' ma jidħolx għax-xogħol sakemm intemmlu l-impieg, ABL baqgħet tħallsu l-paga mnaqqas minnha l-ekwivalenti tal-benefiċċju tal-korriment li kien jingħata mid-Dipartiment[20]. Minn dak inhar 'il quddiem, l-attur ingħata l-benefiċċju tal-mard[21];

Illi, sadattant, fl-14 ta' Awissu, 2000, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha jitolbu li jsir stħarriġ dwar min kien ħtija tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-

[16] Xhioeda tal-ispeċjalista Ivan Esposito 21.2.2001, f'paġġ. 116 – 9 tal-proċess
[17] Dok "DG5", f'paġ. 107 tal-proċess
[18] Dok "DG1", f'paġ. 35 tal-proċess
[19] Dok "DG2", f'paġ. 36 tal-proċess
[20] Xhieda tal-attur 24.11.2000, f'paġ. 24 tal-proċess
[21] Dok "DG3", f'paġ. 37 tal-proċess

eċċezzjonijiet imressqin minn ABL, partikolarment dik li tgħid li dak li ġara seħħ bi ħtija tal-attur innifsu;

Illi, bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Dejjem jibqa' l-obbligu li l-attur iġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu;

Illi t-teżi waħdanija tal-attur hija li ABL naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel, minkejja l-attenzjoni li huwa ta f'kull waqt;

Min-naħa tagħha, ABL tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda li hija ħadet il-prekawzjonijiet kollha raġonevolment mistennija mil-liġi biex l-attur (bħal ħaddiema oħrajn tagħha) ma jkorrix, u t-tieni waħda li l-inċident ġara għaliex billi l-attur naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet li ngħata minn superjur tiegħu, waqqa' l-ġebla fuq saqajh meta ma segwiex dawk l-ordinijiet u għamel ta' rasu. Sussidjarjament, ABL aċċennat għall-possibilita' li l-qagħda li jinsab fiha l-attur illum ma taħtix għaliha hi, u dan billi l-inċident ma kienx tali li jħalli fuq il-persuna tiegħu il-mankament li jirriżulta, iżda li dik id-debilita' hija ħtija tal-kura ħażina u traskurata li l-attur ingħata fl-isptar;

Illi l-Qorti sejra għalhekk tibda billi tistħarreġ il-kwestjoni tar-**responsabbilta' għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur** fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa minn ABL;

Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu[22], is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[23] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[24]. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[25]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[26];

---

[22] Art. 1031 tal-Kap 16
[23] Art. 6(2) tal-Kap 424
[24] Art. 6(3) tal-Kap 424
[25] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[26] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[27], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[28] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[29]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[30];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[31], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[32];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[33], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi għalkemm il-kuntratt tal-impieg tal-attur jgħid li huwa kien tqabbad jaħdem ma' ABL bħala "*game attendant*", ħadd ma jiċħad li l-istess attur kien jitqabbad ukoll jagħmel

[27] Art. 7(1) tal-Kap 424
[28] Art. 7(2) tal-Kap 424
[29] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[30] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[31] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[32] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[33] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

xogħol ta' manutenzjoni f'dawk il-jiem meta l-għadd ta' nies li jkunu jżuru l-kumpless ikun batta. Min-naħa l-oħra, l-attur ma jilmintax mill-fatt li l-inċident seħħ minħabba li ntalab jagħmel xogħol li ma kienx dak li messu jingħatalu. Huwa nnifsu stqarr li, qabel daħal jaħdem ma' ABL, ix-xogħol li kien għamel kien sewwasew dak taż-żbigħ u kien ingħata taħriġ u istruzzjonijiet dwar kwestjonijiet ta' sigurta' fuq il-post tax-xogħol[34], u għalhekk kien diġa' jaf sewwa dak ix-xogħol x'jitlob minnu. B'żieda ma' dan, wieħed mid-diretturi ta' ABL xehed li l-attur innifsu kien juri ċerta inizzjativa għal xogħlijiet ta' tisbiħ jew manutenzjoni bil-għan li l-kumpless jinżamm f'kundizzjoni mill-aqwa. Għalhekk, l-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel huwa dwar jekk, fil-ħin li ġara l-inċident, l-attur kienx għamel xi ħaġa li ma messux għamilha jew m'għamilx xi ħaġa li kien intalab jagħmel, u jekk dan kollu ġarax fin-nuqqas ta' xi ċirkostanza li ABL messha rat li tkun hemm u ma kenitx. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li, dak inhar li nqala' l-inċident mertu tal-każ, l-attur kien ilu diġa' jaħdem ma' ABL għal madwar sentejn, u għalhekk wieħed jistenna wkoll li huwa jkun midħla ta' dak li jsir u x-xorta ta' ambjent li kien isaltan fil-post tax-xogħol tiegħu;

Illi mill-provi ħareġ li x-xogħol li l-attur tqabbad jagħmel dak inhar kien xogħol fil-għoli. Ma kienx jista' jintlaħaq billi jibqa' fl-art u għalhekk tabilfors ried jitla' jew jixxabbat ma' xi ħaġa. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'xogħol ta' żebgħa ta' aktar minn ħaġa waħda mwaħħla f'dak l-għoli. L-art quddiem fejn kellu jsir iż-żebgħa kienet ixxaqleb xi ftit 'l isfel. Għall-bidu, l-attur ingħata sellum biex jitla' fuqu, iżda huwa lminta minn dan għaliex dak is-sellum ma kienx ilaħħaq ma' ħajt sod, iżda kellu jitwieżen ma' ħġieġa. Meta ġibed l-attenzjoni ta' min kien fuqu u min kien qabbdu jitla' jiżbogħ il-puleni, l-istess superjur tiegħu qabbdu jġib l-i*scaffolding* u jitla' fuqu. Hawnhekk ukoll, l-attur intbagħat iressaq l-i*scaffolding* flimkien ma' impjegat ieħor, u ntebah li r-roti ma kellhomx *brakes*. Dwar dan, ġibed ukoll l-attenzjoni ta' min kien fuqu, imma t-tweġiba kienet li kellhom jitqiegħdu knaten u serrattizzi tal-injam biex iliġġmu r-roti milli jduru u jmexxu l-i*scaffolding*. Meta

[34] Xhieda tiegħu 11.5.2004, f'paġ. 238 tal-proċess

ġie biex jarma l-imsemmi "lqugħ", l-attur jingħad[35] li qal lil sieħbu li kien miegħu li seta' jmur għaliex seta' jqiegħed l-armar waħdu. Sadattant, min kien fuqhom warrab minn ħdejhom. X'ħin ġie biex jitla' mal-armar, l-attur kien waħdu;

Illi l-Qorti jidhrilha li dawn l-elementi huma biżżejjed biex jagħtuha stampa tajba tal-qagħda li kien hemm fil-madwar x'ħin l-attur ġralu dak li ġralu. Dan qiegħed jingħad għaliex ħarġu żewġ linji ta' argumenti dwar jekk ABL kenitx tat tagħmir u lbies protettiv lill-attur u dwar jekk l-istess ABL kenitx sensittiva biżżejjed dwar aspetti ta' saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol għall-ġid tal-impjegati tagħha. Dawn il-linji kontrstanti juru, min-naħa tal-attur u dawk li tressqu b'xhud tiegħu, li ABL kienet iżżomm lura milli tagħti lill-impjegati tagħha dak it-tagħmir u saħansitra ssemma aktar minn darba li meta impjegat ried xi lbies bħal dak kellu jixtrih minn butu; minbarra dan, tressqu provi wkoll ta' korriment ta' ħaddiema u saħansitra ta' viżitaturi fl-istes kumpless. Min-naħa ta' ABL, din ressqet provi u xhud li jgħidu li l-ilbies protettiv u t-tagħmir tas-sigurta' kien dejjem disponibbli u f'għadd biżżejjed għal kull min jeħtieġu[36], u li hija dejjem xtrat u żammet dak it-tagħmir u lbies, u li xi drabi kienu l-ħaddiema nfushom li kienu jirrifjutaw li jilbsu l-ilbies protettiv li tagħtihom; żiedet tgħid u ressqet xhud li qal li kienu jsiru konferenzi (kull sentejn)[37] minn uffiċjal imħarreġ lill-impjegati dwar aspetti ta' saħħa u sigurta' fuq il-post ta' xogħolhom[38], liema konferenzi perjodiċi kienu jsiru wara l-ħin tax-xogħol u kull ħaddiem seta' jattendi għalihom jekk irid (għalkemm jidher li l-ebda waħda minn dawn il-konferenzi ma saret fiż-żmien li l-attur kien impjegat ma' ABL u sa ma ġara l-inċident mertu tal-każ);

Illi l-Qorti m'hijiex f'qagħda li toqgħod għal kollox fuq il-verżjoni waħda jew l-oħra, ukoll għaliex iż-żewġ verżjonijiet x'aktarx huma wċuħ ta' rejalta' li kienet teżisti imma mhux tal-verita' kollha. Kif ingħad, il-Qorti tagħżel li toqgħod fuq elementi pruvati li juru x'kienu ċ-ċirkostanzi

[35] Xhieda ta' Franklin Cutajar 15.1.2001, f'paġ. 62 tal-proċess
[36] Xhieda ta' Victor Grima 28.10.2004, f'paġ. 269 tal-proċess
[37] Xhieda ta' Manwel Bonniċi 9.2.2005, f'paġ. 277 tal-proċess
[38] Xhieda Noel Cachia 9.5.2006, f'paġ. 295 tal-proċess

immedjati tal-post fejn seħħ l-inċident. L-iżjed element importanti li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh huwa l-fatt li l-i*scaffolding* kellu r-roti. Hemm min qal li kellu rota taħt kull sieq tiegħu, u hemm verżjonijiet li jgħidu li kellha żewġ roti biss. Dan ma jibdel xejn mill-fatt li ma' dawk ir-roti (kienu kemm kienu) ma kienx hemm sistema ta' *brakes* li jżommhom milli jduru meta suppost ma jkunx qiegħed jitmexxa. L-istess xhud li tressaq biex jgħid li kien imqabbad minn ABL biex, minn żmien għal żmien, jagħti l-konferenzi lill-ħaddiema ta' ABL, u li huwa uffiċjal pubbliku mrawwem fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, seħaq li "*scaffolding* bir-roti importanti li jkollu l-brejkijiet. Issa, kull *scaffolding* l-importanza tiegħu huwa li jkollu *full flooring*, *tow* (*recte: toe*) *boards* mad-dawra u *guard rails* warajh"[39] u li dak is-sistema ta' *brakes* irid ikun "parti mill-mekkaniżmu. Le, mhux feles"[40];

Illi l-Qorti tqis li din ix-xhieda hija rifless ukoll ta' dak li titlob il-liġi nnifisha f'dak li jirrigwarda "armar" u "slielem"[41] meta jsir xogħol ta' żebgħa jew dekorazzjoni, liema xogħol jgħoddu għalih ukoll id-dispożizzjonijiet relativi[42]. B'mod partikolari, l-Qorti tqis li t-tqegħid ta' ġebel (knaten) jew serrattizzi tal-injam biex iżommu r-roti ta' armar ("*scaffolding*") milli jitħarrek m'huwiex il-mod xieraq li tqis il-liġi biex jiżgura s-sigurta' ta' dak l-armar u biex iħares mill-periklu ta' korriment għal min jista' jitla' fuqu. Għalhekk, id-difiża ta' ABL f'dan ir-rigward meta tgħid li l-attur webbes rasu u ma ramax il-knaten biex iżommu lill-i*scaffolding* milli jiċċaqlaq, ma jidhirx li hija difiża tajba ladarba lanqas kieku l-attur obda l-ordni kif mogħtija lilu ma kien ikun qed jobdi direttiva li l-liġi taqbel magħha u tapprova. In-nuqqas jibqa' dejjem dak oġġettiv li l-armar li l-attur intalab jitla' fuqu ma kellux sistema xieraq ta' brejkijiet. Dan in-nuqqas kien jagħmel dak it-tagħmir perikoluż minnu nnifsu, l-iżjed fejn l-art li kellu jintrama fuqha ma kenitx għal kollox wita;

Illi minbarra dan, kien jaqa' fuq ABL ukoll li turi li, f'dak il-ħin partikolari, l-attur kienet qiegħda ssirlu sorveljanza

[39] *Ibid.* f'paġ. 303
[40] *Ibid.* f'paġ. 304
[41] Regg. 9, 10, 15 u 19 tal-A.L. 96 tal-1968 (L.S. 424.06)
[42] *Ibid* Reg. 3

xierqa, u dan minkejja li huwa kien ħaddiem ta' esperjenza u midħla max-xogħol li ngħata jagħmel[43]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem mis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[44]. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[45]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibilta' li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[46];

Illi, b'żieda ma' dan kollu, mill-provi ħareġ ukoll li, wara li l-attur ġarrab l-inċident, ABL naqset li tibgħat tgħarraf lill-Awtorita' kompetenti b'dak li kien ġara u dan, naturalment, wassal biex dik l-Awtorita' ma kenitx f'qagħda tagħmel l-aċċertamenti meħtieġa biex tistabilixxi fil-ħin x'ġara u x'kienu ċ-ċirkostanzi li tassew wasslu għall-inċident. Dan ukoll kien dmir li l-liġi kienet timponi fuq ABL[47] u n-nuqqas ta' tħaris tiegħu jistona mal-pretensjoni ripetuta tagħha li uffiċjali u ħaddiema tagħha kienu jafu x'tgħid il-liġi u jimxu magħha;

Illi minn dan ir-rigward u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' xejra legali u ġuridika li saru aktar qabel, il-Qorti tasal għall-fehma li ABL naqset milli żżomm f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema tagħha waqt xogħolhom, u dan partikolarment b'riferenza għall-attur fil-każ tallum. Hawnhekk għalhekk hija taqbel ma' u tilqa' s-sottomissjonijiet imressqa mill-attur u sejra tqis li ABL trid terfa' r-responsabbilta' għal tali nuqqas;

Illi issa wieħed irid iqis l-argument ta' ABL li l-ħsara li ġarrab l-attur ġabha b'idejh. B'dan il-mod, ABL trid tgħid li

---

[43] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***; u P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)
[44] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe*** (mhix appellata)
[45] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[46] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)
[47] Ara Reg. 22(1)(b) tal-A.L. 52 tal-1986 (L.S. 424.09)

m'għandhiex twieġeb għal dak li l-attur għamel minn rajh u għal dak li seta' ġralu minħabba f'hekk. Lil hinn mill-kwestjoni ta' jekk ABL kenitx tat lill-attur struzzjonijiet siewja u biżżejjed minn qabel ma seħħ l-inċident jew minn meta beda jaħdem magħha, jidher li ABL tibni dan l-argument tagħha fuq il-kwestjoni li l-attur naqas li joqgħod għad-direttiva li tah min kien fuqu (jiġifieri, Mario Fenech). Minħabba f'hekk, hija tgħid li għandha raġun tinvoka favur tagħha d-difiża li min jidħol għal xi ħaġa għax irid, ibati l-effetti ta' għamilu;

Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[48]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[49]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[50]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[51], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[52]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[53]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna

---

48 Art. 1031 tal-Kap 16
49 P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
50 Art. 1051 tal-Kap 16
51 App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
52 P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
53 P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***

mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[54]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[55]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra[56]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[57];

Illi meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-lum, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni ta' ABL ma treġix. Fl-

---

[54] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

[55] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)

[56] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)

[57] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

ewwel lok, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-attur u min kien fuqu. Kien hemm ordni li tnisslet minn ilment tal-istess attur li s-sellum li kien ingħata biex jixxabbat miegħu ma kienx se' jkun sikur biżżejjed biex l-attur sata' jaħdem fuqu bla ma jweġġa': meta l-attur ra li s-sellum kien se' jkun qiegħed jistrieħ fuq wiċċ tal-ħġieġ, ipprotesta. Bħala soluzzjoni, Mario Fenech ordna lill-attur u lil Franklin Cutajar biex iġibu l-i*scaffolding*. Ma ngħatat lill-attur l-ebda għażla oħra: u dan, fil-fehma tal-Qorti, ma jikkostitwix il-"ftehim" li jsejjes l-eċċezzjoni tal-*volenti*. Fit-tieni lok, l-attur ma aċċettax li jitla' fuq l-armar minn rajh u, anqas u anqas, li tela' fuqu minkejja d-divjet ta' ABL. Għall-kuntrarju, intwera li malli l-attur ra li r-roti tal-i*scaffolding* ma kellhomx brejkijiet, ilminta minn dan il-fatt ukoll. Dan ġab miegħu l-għadab ta' Fenech, u l-ordni li dan tal-aħħar ta lill-attur u lil Cutajar biex jirfdu dawk ir-roti fuq knaten tal-ġebel u serratizzi tal-injam. Dawn l-għażliet ma jistgħux jitqiesu li kienu għamil volontarju tal-parti mġarrba. Fit-tielet lok u għal kuntrarju ta' dak li allegat ABL, l-attur obda dik l-ordni u jgħid li rama kemm il-knaten u kif ukoll l-injam[58]. Mela, ma jistax jingħad, kif tallega ABL, li huwa għamel ta' rasu u ġab il-konsegwenzi b'idejh għaliex ħareġ li l-attur ġralu dak li ġralu minkejja li obda ordni li ngħatatlu. Fir-raba' lok, meta inċident ta' korriment fuq ix-xogħol jiġri mhux biss għaliex il-ħaddiem ikun obda ordni ta' xiħadd li huwa fuqu, imma għaliex it-tagħmir li jkun ingħata jkun "difettuż u monk f'dik li hija sigurta'"(bħalma ntwera li kien il-każ tal-armar li ntalab jitla' fuqu f'dan il-każ), allura qajla jista' jibqa' jingħad li għal dak l-inċident il-ħaddiem ikun ikkontribwixxa[59];

Illi għall-Qorti, dan juri li, safejn jikkonċerna lill-attur innifsu, minn dan ir-rigward żgur ma jistax jingħad li kien hemm kontributorjeta' min-naħa tiegħu. Dwar l-allegazzjoni ta' ABL li dak li jinsab fih l-attur illum jista' jkun ikkawżat mill-għamla ta' kura żbaljata li l-attur ingħata l-isptar, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod fuqu. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, ABL ma ippruvatx din l-allegazzjoni. Li ħareġ mill-atti kien

[58] Affidavit tiegħu, f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess
[59] App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo Scicluna pro et noe et***

biss li, meta l-attur mar għand l-ispeċjalista Esposito, dan ikkostata li s-sieq il-leminija tal-pazjent kienet turi ksur, iżda qal ukoll[60] li ma kienx tal-fehma li l-faqtt li t-trattament fl-Isptar ma ngħatax kif forsi suppost mill-ewwel għandu influwenza fuq l-ammont ta' diżabilita'. Fit-tieni lok, minkejja li qajmet dan l-argument, ABL ma dehrilhiex li kellha ssejjaħ fil-kawża lill-imsemmija tobba. Kien l-attur li għamel dan, u, kif rajna, din il-Qorti kienet ħelset lill-istess imsejħin fil-kawża milli joqogħdu fil-ġudizzju. Fit-tielet lok, minkejja li ABL kienet indikat lit-tobba kuranti bħala xhud tagħha, xorta waħda għażlet li ma ssejħilhomx biex jixhdu u b'hekk jitfgħu dawl fuq dik li setgħet kienet prova siewja u ta' qofol għad-difiża tagħha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li ABL waħedha taħti għall-ħsara li l-attur ġarrab fl-inċident li hu korra fih waqt ix-xogħol tiegħu magħha, u għalhekk hija sejra tilqa' l-ewwel talba tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħha;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħsara mġarrba mill-attur fl-inċident mertu tal-każ hija waħda li ma titfejjaqx u ma titreġġax lura. Hija ħsara li ma tgħaddix u hija ħsara parzjali. Hija ħaġa ċert wkoll li, minħabba dik il-ħsara u fid-dawl tal-ħiliet li l-attur kellu, minn dak inhar li korra l-attur ma reġax ħadem aktar bi qligħ u mbagħad laħaq l-eta' tal-irtirar ftit tax-xhur wara u matul iż-żmien li l-kawża kienet qiegħda fl-istadju tal-ġbir tal-provi[61];

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex **tillikwida d-danni** mġarrbin mill-attur, u b'hekk tqis it-tieni talba attriċi fid-dawl tat-tieni u tat-tielet eċċezzjonijiet ta' ABL, safejn għadhom rilevanti aktar;

Illi jirriżulta li, dak inhar li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attur kellu sebgħa u ħamsin (57) sena. Sakemm dam ma jmurx għax-xogħol, baqa' jitħallas[62]. Sakemm dam midrub wara l-inċident (jiġifieri sa' Settembru tal-2000) ABL baqgħet tħallas lill-attur il-paga sħiħa flimkien ma'

[60] Xhieda tal-kirurgu Ivan Esposito 21.2.2001 f'paġ. 128 tal-proċess
[61] Xhieda tal-attur 28.12.2000, f'paġ. 33 tal-proċess
[62] Xhieda tal-attur 30.3.2001, f'paġ. 76 tal-proċess

*allowances* kollha. Wara li ntemmlu l-impieg ma’ ABL l-attur sar eliġibbli għall-benefiċċju tal-mard mid-Dipartiment u għadha tingħatalu sal-lum[63];

Illi fil-każ tal-lum, jidher li l-pretensjoni tal-attur dwar id-danni hija waħda kemm dwar nefqa mġarrba (*damnum emergens*) u kif ukoll għat-telf ta’ qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi dwar it-telf jew ħsara mġarrba, l-attur jistrieħ fuq provi dokumentali ta’ nefqiet li huwa kellu jagħmel biex iddewwa u oħrajn marbuta ma’ eżamijiet mediċi u teħid ta’ mediċini preskritti. Il-pretensjoni kollha tal-attur f’dan ir-rigward titla’ għal tmien mija u tnejn u ħamsin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 852.55). Din il-pretensjoni hija mfissra b’mod dettaljat fi prospett imressaq mill-attur u minnu maħluf[64] u korroborata minn kopji tar-riċevuti relattivi[65], minbarra li f’xi każijiet, dawk l-istess riċevuti kienu konfermati mill-persuni li ħarġuhom. Ma’ din il-pretensjoni, l-attur iżid isemmi wkoll in-nefqa tad-drittijiet tal-perit mediku f’din il-kawża. Il-Qorti m’hijiex sejra tqis dawn bħala parti mid-danni mitluba, imma se’ tqishom meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi, minħabba li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni minn ABL dwar din in-nefqa, il-Qorti sejra tilqagħha bħala kif mitluba mill-attur;

Illi f’dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma’ dak li tispeċifika l-liġi. F’dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta’ qligħ li l-attur seta’ bata diġa’ minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se’ jkollu jbati ’l quddiem minħabba l-inkapaċita’ għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem “inkapaċita’ għal dejjem” li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li “f’sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li

[63] Dok “DG3”, f’paġ. 37 tal-proċess
[64] Dok “DG4”, f’paġ. 38 tal-proċess
[65] Ara paġġ. 39 sa 46 tal-proċess

għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv"[66];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[67];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[68]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum*

[66] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[67] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[68] Kemp (Ed.) Damages for Personal Injury and Death (3[rd]. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64

*cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[69]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[70]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[71]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[72]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien idaħħal, għallanqas sakemm dam jaħdem[73];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta b'mod ċar li, minħabba l-inċident li għadda minnu l-attur, id-dħul tiegħu naqas wara li għalqet is-sena li fiha kien qiegħed igawdi mil-*leave* ta' inkapaċita' minħabba l-korriment. Minn dak inhar 'il quddiem, id-dħul tiegħu waqa' minħabba li, ma' għeluq is-sena, ABL temmitlu l-impieg u ma setgħetx iżżommu aktar jaħdem magħha, lanqas fuq xogħol ħafif;

Illi fl-1998, l-attur qala' ħamest elef tmien mija u sebgħa ewro (€ 5,807) netti li kienu jgħoddu fihom il-ħlas ta' *bonus*

---

[69] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[70] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[71] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[72] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[73] Ara. Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri noe et vs Direttur ta' l-Edukazzjoni et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.1.2010**)

statutorju. Din is-somma tfisser dħul ta’ mija u ħdax-il ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 111.70) kull ġimgħa, meta dak iż-żmien il-paga minima kienet mija u sitt ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 106.29)[74]. Fl-1999 (fis-sena li matulha l-attur korra), d-dħul nett tiegħu kien ta’ elfejn u erbgħa u ħamsin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€ 2,054.48), iżda dan ġara għaliex ABL qatgħet il-ħlas li l-attur kien jirċievi bħala assistenza mid-Dipartiment. Madankollu, f’dik is-sena, huwa kallu paġa bażika ta’ mija u erbgħa u għoxrin ewro u erba’ ċenteżmi (€ 124.04) *gross* kull ġimgħa, meta l-paga minima kienet ta’ mija u għaxar ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€ 110.37). Matul l-2000 (meta ntemmlu l-impieg) kellu paga *gross* ta’ mija u sitta u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmi (€ 126.40) meta l-paga minima kienet ta’ mija u tnax-il ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 112.70). Fl-2004 (meta l-attur kien jagħlaq l-eta’ tal-irtirar), il-paga minima kull ġimgħa kienet ta’ mija u ħamsa u għoxrin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€ 125.51). Jekk wieħed kellu jqis il-paga minima dak inhar li l-attur korra mqabbla mal-paga minima li kienet tgħodd meta kien jirtira mix-xogħol, jasal biex jaħdem fuq moltiplikand ta’ mija u erbgħa u erbgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€ 144.10) kull ġimgħa, jew sebat elef erba’ mija u tlieta u disgħin ewro (€ 7,493) fis-sena[75]. Il-Qorti sejra tadotta din is-somma bħala kejl bażi tal-kalkolu tagħha għaliex, fil-fehma tagħha, tirrappreżenta medja xierqa ta’ dak li globalment kien mistenni jaqla’ l-attur, meħud b’qies ukoll il-fatt ta’ kemm fadal snin x’jinħadmu skond il-*multiplier* applikabbli għall-każ tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-grad ta’ debilita’ mġarrab mill-attur ma jidhirx li hemm kuntrast. Il-perit mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attur għandu grad ta’ debilita’ ta’ tmintax fil-mija (18%). Din il-qagħda hija waħda li ma tgħaddix u se’ jibqa’ jġorrha għal ħajtu kollha. Meta tressaq b’xhud in eskussjoni minn ABL, l-espert mediku ma qagħadx ilaqlaq biex jgħid li dik id-debilita’ kienet l-effett dirett tal-inċident li l-attur kellu fuq ix-xogħol, u kienet determinata minn “xiehda oġġettiva”[76] li

[74] Ara A.L. 126 tal-1992 (L.S. 452.71)
[75] € 125.51 / € 110.37 = 1.14 x € 126.40 x 52 = € 7,493
[76] Xhieda kirurgu Frederick Żammit Maempel 28.10.2004, f’paġġ. 259 – 261 tal-proċess

huwa sata' jikkostata meta eżamina lill-attur u minn tagħrif ieħor (bħal ritratti ta' raġġi) li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ċaħad li huwa bena parti minn dak il-grad ta' debilita' fuq kriterji oħra mhux "tanġibbli" bħal, per eżempju, l-fatt li l-attur ilminta minn uġigħ kontinwu;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li ma għandhiex raġuni tajba għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq dik il-kostatazzjoni tal-perit maħtur minnha. Min-naħa tagħha, għalkemm għall-ewwel ABL kienet talbet il-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali, din it-talba ma baqgħetx tisħaq fuqha aktar u b'hekk ma hemmx fl-atti tal-kawża l-ebda fehma fattwali medika oħra ħlief dik tal-perit ġudizzjarju. Għalkemm hawn ta' min jgħid ukoll li l-kirurgu Ivan Esposito wera l-fehma li l-grad ta' debilita' li wasal għalih il-perit mediku huwa fil-parametri tal-għamla ta' ħsara li l-attur ġarrab fl-inċident;

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, l-istess attur ressaq sottomissjoni fis-sens li ladarba l-infieq tiegħu minħabba l-kundizzjoni medika li ġie fiha m'hijiex sejra tieqaf mal-għeluq tal-eta' tal-irtirar, ma jkunx xieraq li l-*multiplier* jinħadem biss relattivament għal dik l-eta' u b'hekk issuġġerixxa li l-Qorti tadotta *multiplier* ta' tnax-il (12) sena biex b'hekk torbtu mal-kelj ta' kemm wieħed huwa mistenni li jgħix ("*life expectancy*")[77]. Il-Qorti tagħraf x'qiegħed jingħad fl-imsemmija argumenti. Min-naħa l-oħra, wieħed ma jridx jinsa li, wkoll kieku ma korriex, l-attur ma kienx se' jibqa' jaħdem ma' ABL għal dejjem u l-kuntratt ta' mpieg tiegħu kien wieħed għal żmien determinat (li kien jiġġedded sena b'sena). Minbarra dan, il-kriterju tal-*multiplier* ma jiħux tabilfors in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-ħajja kollha tax-xogħol tal-persuna mġarrba. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[78], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra

[77] Paġ. 219 tal-proċess
[78] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***

matematika[79]. Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[80]. Dawn id-deċiżjonijiet jagħtu piż lill-argument tal-attur, u għalhekk il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' għaxar (10) snin;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[81]. F'dan il-każ, l-attur fetaħ il-kawża madwar ħdax-il (11) xahar wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għall-għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[82];

Illi l-attur jissuġerixxi wkoll li l-Qorti "tarrotonda" s-somma għal somma ogħla biex tkun taqbel mal-kriterju ta' likwidazzjoni tad-danni li "f'pajjiżi esteri żviluppa ferm iżjed milli żviluppa lokalment"[83]. Il-Qorti ma tistax tagħmel dan l-eżerċizzju kif stedinha l-attur, għaliex hija marbuta ma' dak li tgħid il-liġi tagħna u mhux mal-kejl li jintuża f'sistemi ġuridiċi oħrajn;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u sebgħa u tmenin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmi (€ 13,487.76)[84], filwaqt li tillikwida fis-somma ta' tmien mija u tnejn u ħamsin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 852.55) d-danni diġa' mġarrba (*damnum emergens*). B'kollox, il-kumpens likwidat jitla' għal (€ 14,340.31), liema kumpens ABL trid tħallas lill-attur flimkien mal-imgħaxijiet legali s'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

---

[79] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)
[80] Ara, per eżempju, P.A. AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhix pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***
[81] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[82] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[83] Paġ. 221 tal-proċess
[84] € 144.10 x 52 x 10 x 0.18 = € 13,487.76

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet dwarhom imressqa minn ABL għaliex m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi** ssib li l-kumpannija imħarrka waħedha kienet taħti għall-inċident li seħħ fl-10 ta' Settembru, 1999, waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem mal-istess kumpannija mħarrka fil-kumpless turistiku "*Popeye Village*", fil-limiti tal-Mellieħa, meta l-attur waqa' minn fuq sellum imqiegħed ma' armar provduti mill-istess kumpannija mħarrka u li fih huwa ġarrab ħsara parzjali li ma tgħaddix;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u erbgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmi (€ 14,340.31);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' erbatax-il elf tliet mija u erbgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmi (€ 14,340.31), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------